# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBÀ LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 55**

10 ta' Diċembru 2018

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Floriana, fil-5.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |

SKUŻAT:-
0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

| | |
|---|---|
| M' Lourdes Lautier | Segretarju Eżekuttiv |

## MINUTI

Is-Sindku DSH ppresediet il-laqgħa.

**55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

55.1.1 Ma kienex hemm ittri t' apoloġija.

**55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

55.2.1 Tressqu l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

55.2.1.1 Il-Viċi Sindku VB talab li jiżdied 'XXIII' fl-artiklu 54.4.4 wara l-kliem Papa Gwanni .

55.2.1.2 Il-Viċi Sindku VB ppropona l-approvazzjoni tal-minuti issekondat mill-Kunsillier AD.
Ittieħed vot

55.2.1.3 Ittieħed vot bir-riżultat ikun: Favur : 4(DSH, VB, JAE u AD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

55.2.2.1 Ġie nnotat li l-minuti tal-laqgħa tal-11 t'Ottubru li huma fuq is-sit tal-Kunsill ma jurux il-verzjoni emendata skont kif approvati fil-laqgħa miżmuma fl-14 ta' Novembru 2018.

55.2.2.2 Għalhekk il-membri preżenti qabblu li għanda tittella l-verżjoni emendata minflokom.

## 55.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

55.3.1 **Theddid lejn il-membri tal-Kunsill**

Is-Sindku DSH bdiet billi semmiet inċident li seħħ jumejn qabel fil-kunsill meta resident minn Pjazza San Kalċedonju ġie għas-sodisfazzjon il-Kunsill peress li kellu l-karozza ttowjata mill-Pulizija meta kienet ipparkata fuq area riservata għad-Depot tal-Pulizija. Irriżulta li rrifjuta li jneħħi l-karozza minn hemm anke meta l-pulizija tawh nofsiegħa biex iressaqha bir-riżultat li ttowjawielhu. Waħħal fil-Kunsill u hedded lill-membri tal-Kunsill għal darba tnejn quddiem 3 uffiċċjali tal-Kunsill, illi meta xi membru jmur l'hemm ser iwaddbilhom l-aċtu u l-awrina minn fuq.

Wara l-mara tiegħu ċemplet lis-Sindku biex tirraporta dwar it-towing u s-Sindku DSH wissietha li din id-darba biss mhiex ser tieħu passi bil-liġi kontrih u li jrid joqgħod attent u ma jabbużax fejn jipparkja u li fuq kollox il-Kunsill mhux responsabbli għall-infurzar tal-liġi aktar u aktar mit-towing.

55.3.2 **Inċident ħdejn l-iskola -26 t' Ottubru 2018 fil-11:30.**

Is-Sindku DSH irreferiet għall-inċident li semma il-Kunsillier JAE fil-laqgħa tal-14 ta' Novembru fejn semma li tifel kien ser jittajjar minn karozza fi Triq San Tumas u li bil-kommossjoni li nqelgħet l-Assistant Head kellha tittieħed iċ-Ċentru tas-Saħħa għax ħassita ħażin.

Qrat korrispondenza mibgħuta mis-Surmast tal-iskola fejn għarrafa li nhar is-26 t' Ottubru 2018 it-tfal skulaw fil-11:30 u ma kienx hemm pulizija preżenti. Tifel żgiċċa minn idejn ommu li kienet qed tpaċpċaċ ma' oħrajn f' nofs tat-triq waqt li dak il-ħin inzertat għaddiet korozza.

Is-Surmast irrimarka li jkun aħjar li dawk responsabbli mit-tfal għandhom iħarsu s-sigurta ta' wliedhom.

Ġie konfermat ukoll li mhux veru li uffiċċjal tal-iskola ittieħed iċ-Ċentru tas-Saħħa għal qata' li ħadet tant li din ma' kienitx għada taħdem fil-Floriana.

55.3.3 **Ftehim dwar il-ħaddiema fuq Skemi tal-RSSL u CWSEF**

Is-Sindku DSH resqet proposta dwar kundizzjonjiet li kienu qed jiġu proposti dwar ftehim tal-ħaddiema fuq skemi tal-RSSL u CWSEF mressqa mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali permezz ta' ċirkulari AKL 138/2018.

Il-Kunsill qabel ma' dawn il-proposti u ser jifferma l-aċċettazzjoni tal-kundizzjonijiet imsemmija f' din iċ-ċirkulari u jintbagħatu lill-AKL.

55.3.4 **Justin Attard**

Is-Sindku DSH rreferiet għal-proposta li ressaq Justin Attard permezz tal-avukat tiegħu u l-laqgħa li kella flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv dwar il-proposta mal-Awditur Ġenerali (AĠ) fil-21 ta' Novembru 2018.

Il-parir li ta l-AĠ ma jaqbilx mal-parir legali li ta l-Avukat tal-Kunsill.

Il-membri preżenti talbu li l-AĠ għandu jikkonferma bil-miktub il-parir li ta.

55.3.5 **Fondi minn Reġjun Xlokk**

Is-Sindku DSH infurmat lill-membri li Reġjun Xlokk għadu kemm għadda €12,707.44 favur il-Kunsill wara li l-Kunsill kien irnexxielu japplika għal-fondi biex jintużaw għal road surfacing fl-inħawi tal-Istitut Kattoliku.

55.3.6 **Ferris Wheel fuq il-Fosos**

Il-Kunsill indaga għaliex is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali m' oġġezzjonax għal l-Ferris Wheel li hemm proposta li titpoġġa fuq il-Fosos.

Sar magħruf li l-Awtorita' tal-Ippjanar kienet talbet lill-applikanta kjarifiki u baqgħu ma ġewx risponduti mill-applikanta.

55.3.7 **Bike Racks qrib il-bar tal-Każin tal-Banda Vilhena**

Is-Sindku DSH irreferiet għar-rikomandazzjoni tal-Kunsillier JAE fil-laqgħa preċedenti biex tiġi stallata bike rack qrib dan il-każin, bejn il-loġoġ, peress li tal-bar ilmenta li tar-roti qed iħamġu l-ħajt filwaqt li produċiet sett ta' ritratti tal-inħawi msemmija fl-istess laqgħa.

Irrizulta li jekk tiġi stallata f' xi wieħed mill-inħawi murija, jew kienu ser jintilfu xi postijiet ta' parkeġġ, jew, tingobra żona pedonali u dan meta wieħed iqis li fuq il-bankina faċċata tal-uffiċċju tal-Kunsill, li tinsab biss kantuniera l-bogħod, hemm waħda.

Għalhekk dawk preżenti iddeċidew li m' għandiex tiġi stallata.

55.3.8 **Webcam – Triq Sant' Anna**

Is-Sindku DSH infurmat lill-membri li sabiex tiġi stallata l-Webcam fuq il-bejt tal-Każin tal-banda Vilhena, il-Kunsill ser jikkolabora mal-istess każin billi jipprovdi u jħallas ir-renta tal-internet, li jkun jista jintuża mill-każin ukoll, waqt li l-istess każin ser jipprovdi a spejjeż tiegħu l-enerġija elettrika meħtieġa biex il-webcam tkun tista tiffunzjona.

55.3.9 **Floriana Football Nursery Club - Pubblikazzjoni Annwali**

Is-Sindku DSH resqet talba minn naħa Floriana Football Nursery Club sabiex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill tinħareġ il-pubblikazzjoni GOAL u li l-membri preżenti qabblu li l-Kunsill ser joħroġ €450.

55.3.10 **Salarju tal-ħaddiema tal-Kunsill għall-Diċembru**

Is-Sindku DSH rrikomandat li s-salarju tal-ħaddiema tal-Kunsill għal dan ix-xahar, tinħareġ il-Ġimgħa ta' qabel il-Milied.

Il-membri preżenti qablu unanimament.

55.3.11 **Artiklu fil-Maltatoday dwar l-istat tal-Fosos**

Is-Sindku DSH rreferiet għall-artiklu li kien deher fil-MaltaToday dwar l-istat tal-Fosos u li kien ġie msemmi fil-laqgħa preċedenti u partikolarment fejn il-Kunsillier JAE kien qal li hu kien ħareġ proposta sabiex kull min juża xi lok fil-Floriana, inluż il-Fosos, għal xi avveniment, jintrabat b' garanzija bankarja versu l-ħsarat li jistgħu isiru waqt l-attività. Irrefera għall-Mozzjoni Nru. 3 sotometta fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 30 tat-12 t' April 2017.

Ġibdet l-attenzjoni li fil-fatt din il-proposta kienet resqitha s-Segretarju Eżekuttiv f' korrispondenza mibgħuta lil membri fis-6 ta' Settembru 2018.

Kompliet tgħid li l-Kunsill kien ressaq bye-law dwar il-Fosos fl-2010 u li l-Gvern Nazzjonalista ta' dak iż-żmien ma riedx jipproċessha.

**Nota: 5.10pm Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata – mexxa din il-laqgħa l-Viċi Sindku**

Il-Kunsillier JAE ppropona li l-Bye Law terġa' tiġi mressqa peress li jkun hemm ħsara fuq il-Fosos wara kull attività li ssir hemm u tiġi msewwija mill-Kunsill.

**Nota: 5.15pm Is-Sindku DSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

Is-Sindku DSH rrimarkat li l-Kunsillier JAE qatt ma' messu qal li l-Kunsilliera li jirrappreżentaw lill-Partit Laburista jilmentaw biss għal ħsara li ssir wara attivita tal-Partit Nazzjonalista waqt li l-Kunsillier JAE qal li ma kienx qal hekk lill-ġurnalista.

Is-Sindku DSH ser titlob lil ġurnalist Karl Azzopardi biex jirrevedi l-kumment msemmi immedjatament hawn fuq.

Il-Kunsillier JAE staqsa jekk l-Onorevoli Ministru Dr Owen Bonnici kienx ikkuntatja l-Kunsill dwar din il-materja u s-Sindku nfurmatu li kienet ltaqgħat miegħu u għarrfithu b' dan.

55.3.12 **Akkumulazzjoni tal-Vacation Leave ta' Impjegata tal-Kunsill**

Is-Sindku DSH resqet talba t' impjegata tal-Kunsill sabiex takkumulha l-Vacation Leave li baqalha din is-sena għas-sena d-dieħla.

Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

## 55.4 Rapporti

55.4.1 **Ġenna ta' Ġonna**

Tressaq rapport temporanju dwar l-attivita ta' Ġenna ta' Ġonna sabiex jiġi sottomess lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Ta' min jinnota li għad baqa' parteċipanti li jonqoshom jippreżentaw riċevuti fiskali skond il-liġi biex eventwalment jiġi finalizżat dan ir-rapport.

## 55.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

**55.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

Ma kienx hemm rapporti.

**55.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

55.7 **Approvazzjoni - Skeda ta' Pagamenti**

55.7.1 Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 45/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel il-laqgħa.

55.7.1.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u ssekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ndikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur *nem con*.

55.7.1.2 Is-Sindku rreferit għall-item-21 mill-Iskeda ta' Pagamenti riferita hawn fuq u spjegat li dan il-pagament favur tagħha jirreferri għar-rigali li ser jingħataw lir-residenti tad-Dar tal-Anzjana tal-Floriana li xtrathom u ħallsithom hi temporanjament.

**Approvazzjoni - Skeda ta' Petty Cash**

55.7.2 Is-Sindku DSH ippreżentat l-aħħar skeda ta' petty cash datata 7 ta' Diċembru 2018.

55.7.2.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u ssekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-infieq mill-Petty Cash, bir-riżultat ikun favur *nem con*.

**55.8 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

.

**55.9 Offerti pubbliċi**

55.9.1 Is-Sindku nfurmat lill-membri preżenti li ħadd ma tefa' offerti għat-Tender tar-Renovation of Public Convenience in King George V Recreational Grounds, Floriana (FLC/T/6/2018), għalhekk talbet l-awtoriżżazzjoni tal-membri sabiex dan jerġa' jiġi publikat minnufih u dawk preżenti qabblu unanimament li għandu jerġa' jiġi publikat minnufih.

55.9.2 **Ħatra ta' Bordijiet ta' Aġudikazzjoni ta' Tenders u Kwotazzjonijiet**

55.9.2.1 Il-Kunsill ħatar il-membri li ser jaġġudikaw it-tenders u l-kwotazzjonijiet ppublikati kif ukoll dak li ser jerġa' publikat cioe' FLC/T/6/2018, relatati mat-tisbieħ tal-Ġnien Re George V, cioe' lil Kunsillier Vince Borg, il-Kunsillier Albert Demarco u lis-Sur Marco Cassar (membri tal-aġudikazzjoni), filwaqt jekk ikun hemm bżonn jitqabbad is-Sur Kenneth Brincat bħala espert.

55.9.3 **Kwotazzjonijiet għal Insurance tal-Kunsill**

55.9.3.1 Il-Kunsill kien talab għall-kwotazzjonijiet għall-Insurance tal-Kunsill iżda ġew sottomessi tnejn biss. Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni li tkopri tlett snin, dik sottomessa minn Laferla Insurance Agency għal Mapfre Middlesea.

55.9.4 **Ġbir tal-Iskart Organiku**

55.9.4.1 Is-Sindku infurmat lill-membri preżenti li ġie ffirmat il-ftehim ma' WasteServ dwar il-ġbir tal-iskart organiku.

55.9.5 **Qbid ta' Ħamiem**

55.9.5.1 Is-Sindku nfurmat lill-membri li l-programm tal-qbid tal-ħamiem tkompla fi Triq Antonio Agius u Triq l-Iljun.

55.9.6 **Kwotazzjoni għal Sound u Light għall-waqt attivita'**

55.9.6.1 Intalbu kwotazzjonjiet għal Sound u Light għall-waqt attivita' in kollaborazzjoni ma' Dance Project, ta' kant ta' għanjiet tal-Milied fil-Knisja Arċipretali tal-Floriana b' risq il-Malta Community Chest Fund.

Il-membri preżenti għażlu l-orħos offerta, dik sottomessa minn Audio Works.

**55.10 KORRISPONDENZA**

55.10.1 **Ġurnata Għawdex**

55.10.1 Saret talba mill-Knisja Arċipretali tal-Floriana sabiex b' mod konġunt mal-Kunsill issir żjara f' Għawdex fl-20 ta' Jannar 2019.

Il-Kunsill qabel li jikkolabora fir-rigward tat-trasport tal-coaches biss taħt l-istess kundizzjonjiet li kien hemm għall-istess attivita' li kienet saret din is-sena.

55.10.2 **Proposta għal Suq tal-Artiġjanat**

Is-Sindku DSH ppreżentat rikjesta sabiex jibda jinżamm suq ta' prodotti artiġjanali fil-Floriana imressqa minn Zen D'Amato Gautam wara li kienet saret laqgħa magħha biex isir magħruf il-proposti dwar dan is-suq.

Il-Kunsill ppropona li tinżamm laqgħa oħra mas-Sinjura D'Amato Gautam fid-9 ta' Jannar 2019 sabiex il-membri jkunu jistgħu jiddeċiedu fuq din ir-rikjesta.

55.10 **Proposta għal zebra crossing fi Pjazza Robert Sammut**

Tresqet proposta permezz ta' korrispondenza sabiex issir *zebra crossing* fi Pjazza Robert Sammut kantuniera ma' Triq Sant' Anna.

Il-membri preżenti kkunsidraw din il-proposta iżda lkoll qabblu li din tkun perikoluża hemm peress li l-karozzi jiksru f' daqqa minn Triq Sant' Anna għal Pjazza Robert Sammut għal fuq min ikun qed jaqsam it-triq minn hemm.

Għal din ir-raġuni il-Kunsill ikkunsidra t-traffic management ta' din iż-żona u ddeċieda li għalissa din ma ssirx.

55.10 **Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Fit-30 t' Ottubru 2018, il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Ministru kien approva in-nomina tas-Sur Svetlick Flores biex jaġixxi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv, skont Artiklu 50 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363) u Regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 363.20 [(Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani)].

Peress illi il-ħatra ta' 90 jum kienet b'effett mir-18 t' Ottubru 2018, u l-perjodu ta' 90 jum kien wasal biex jiskadi, id-Dipartiment kien ser jerġa jitlob l-approvazzjoni tal-Ministru biex tiġġeded din in-nominata ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Peress li ma kienx hemm tibdil fil-persuna nominata bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv, id-Dipartiment ser imexxi bl-istess rakkomandazzjoni lill-Ministru.

55.11 **Pjan ta' Ħidma 2019**

Ġie preżentat il-Pjan ta' Ħidma għas-sena 2019 liema pjan ser jiġi preżentat ukoll lill-pubbliku fil-laqgħa li ser tinżamm għalihom nhar it-Tnejn, 17 ta' Diċembru 2018 fejn ikunu jistgħu iressqu kummenti u/jew proposti dwarhu.

Wara ser issir laqgħa straordinarja fid-19 ta' Diċembru 2018, biex jiġi approvat mill-Kunsill.

55.12 **Jum il-Floriana**

Din is-sena Jum il-Floriana ser jinżamm fil-21 ta' Jannar 2019.

Dakinhar, ser isir festin u preżentazzjoni ta' tifkiriet u jitħabbru r-rebbieħa tal-kompetizzjoni fotografika li tnediet fl-okkażjoni ta' Ġenna ta' Ġonna.

55.13 **Il-Proġett tal-Ġnien Re George V**

Is-Sindku DSH infurmat lill-membri preżenti dwar l-andament tal-proġett ta' tisbieħ ta' dan il-ġnien u dwar l-publikazzjoni tat-tenders relattivi.

55.14 **Il-Festival Nazzjonali tal-Logħob tal-Nar tal-Art Mekkaniżżat**

Is-Sindku DSH ppreżentat il-minuti tal-laqgħa miżmuma mal-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu (AMT) fit-3 ta' Diċembru 2018 kif ukoll ppreżentat minuti tal-laqgħa miżmuma fit-18 t' Ottubru 2018 li kienu meħuda mill-uffiċċjal responsabbli mill-attivitajiet.

Is-Sindku DSH saħqet li dejjem 'innegozjat' mal-AMT sabiex b' kollaborazzjoni magħha in-nefqa tkun l-inqas possibli.

Il-minuti tal-laqgħat imsemmija tresqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, cioe', tat-18 t' Ottubru 2018 ġew proposti mill-Kunsillier AD u ssekondati mil-Viċi Sindku VB u dawk tat- 3 ta' Diċembru 2018 ġew proposti mill-Kunsillier AD u ssekondati mill-Viċi Sindku.

55.15 **St Patricks Day 2019**

Il-membri preżenti ddiskutew meta kellu jiġi ċelebrat Jum San Patrick' s u qabblu unanimament li din l-attività tkun miżmuma l-Ħadd, 10 ta' Marzu 2019.

**Nota: 5.30pm Il-Kunsillier AGS talab li jkun skużat.**

L-uffiċjal inkarigat mill-attivitajiet għandu jieħu ħsieb sabiex jikoordina u jikkomunika mal-klabb tal-AJAX u li jinksibu l-permessi relattivi

**Nota: 5.35pm Il-Kunsillier AGS reġa' attenda għal-laqgħa.**

55.16 **Laqgħa Pubblika**

Il-Laqgħa Pubblika ser tinżamm it-Tnejn, 17 ta' Diċembru 2018 fis-7 ta' filgħaxija fejn ser jitressaq il-Pjan ta' Ħidma 2019. Iż-żamma ta' din il-laqgħa ġiet reklamata estensivament fuq diversi mezzi tax-xandir kif ukoll permezz ta' *mail shot* f' kull residenza u għaqdiet lokali.

55.17 **Kunċert tal-Milied**

Il-Kunsill Lokali b' kollaborazzjoni ma' Dance Project ser torganiżża *Christmas Caroling* permezz ta' kunċerti b' risq il-Malta Community Chest Fund taħt il-patroċinju tal-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta. L-ewwel kunċert ser ikun il-Ħadd 16 ta' Diċembru, fit-7.30 ta' filgħaxija ġewwa l-knisja Arċipretali tal-Furjana, waqt li oħrajn ser jinżammu nhar is-Sibt, 22 ta' Diċembru 2018, fid-Dar tal-Anzjani, fil-lukanda Excelsior, fil-lukanda Phoenicia, fil-Knisja Arċipretali tal-Floriana u fil-Waterfront. Għal din l-okkażżjoni ser ikun bżonn fil-Knisja ta' sistema ta' '*sound and light'* u ta' 'palk' li ser jipprovdih is-Sur Daniel Attard b'xejn.

55.18 **Attività ta' kull xahar**

Il-Kunsill ser jorganiżża tombla kull xahar minn Jannar 2019 s' April 2019 jew sa meta jiġi xolt il-Kunsill qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli li jmiss.

55.19 **Pubblikazzjoni tal-ktieb Ħidmet il-Kunsill**

Il-Kunsill ser jiġbor kwotazzjonijiet sabiex jiġi stampat ktieb dwar ħidmet il-Kunsill f' din il-Leġislatura, bil-ħsieb li jitqassam qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli. Kull membru tal-Kunsill għandhu jissottometti bil-miktub, ħidmietu etc sal-ewwel ġimgħa ta' Marzu 2019.

55.20 **Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:30 u ġiet aġġornata għad-9 ta' Jannar 2019 fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Konfermati, llum 9 ta' Jannar 2019.**

*Firmati*
Davina Sammut Hili
Sindku

*Firmati*
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv